**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020;**

**Rikors nru: 156/2020 AGV ;**

**ABC**

**Vs**

**DC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC,** datat 5 ta' Gunju 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis- 27 ta' Lulju 2010, kopja tac-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarat Dok A. Illi minn daz-zwieg ma kellhom ebda tfal ;
2. Illi l-partijiet sseperaw legalment permezz ta' kuntratt redatt min-nutar Dr. Dorita Galea Medati gie ppubblikat fis- 7 ta' Settembru 2016, liema kopja hija hawn annessa u mmarkata Dok. B;

3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf mit- 3 ta' Gunju 2016 u dana skont il-klawzola numru wiehed tal-kuntratt fuq imsemmi. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom erba' snin seperati ossia tlett snin u disa' xhur seperati legalment u tlett xhur seperati de facto.
4. Lli ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment u dan ghaliex l-intimat irrinunzja ghad-dritt ta' manteniment minghand ir-rikorrenti, filwaqt li r-rikorrenti ddekadiet id-dritt ta' manteniment minghand l-intimata u dana skont il-klawzola numru sebgha tal-istess kuntratt fuq imsemmi.
5. Illi l-partijiet prezentament jghixu l' boghod minn xulxin u ghandhom hajja indipendenti u seperta minn xulxin, Inoltre' ir-rikorrenti ma tridx tirrikoncilja mieghu u qatt ma ppruvat tirrikoncilja mieghu f' dal-ahhar erba' snin u ghaldaqstant, ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.
6. Illi r-rikorrenti taf b' dal-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghha hawn anness u mmarkat Dok. C;
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti javza lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehdu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi regsitrat fir-registru pubbliku.

Bl-ispejjez.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 25 ta' Gunju 2020, deher il-konvenut li ddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attrici.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**